IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru.18 (Tmintax) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fil-Librerija tal-Kunsill nhar il-Ħamis 9t'Ottubru, 2014, fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sndku | Neil Attard |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi<br>Mary Doris Borg<br>Antonia Buttiġieġ |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicolae Demajo (Skużat) |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji. Kulħadd preżenti u kien hemm xi residenti.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija u approvati unanimament.

   Korrezzjoni f'minuta numru 7.4 tinbidel Buttiġieġ u tiġi Borg.

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

   3.1 Is-Sinjura Borg qajmet il-punt li hemm bżonn li jsir il-*live streaming* tal-laqgħat kemm jista' jkun malajr.

   Is-Segretarju qalilha li għalissa ma jistax isir minħabba li għaddejjin bir-ristrutturar tal-uffiċċju u tal-board room fejn ser jibdew isiru l-laqgħat tal-kunsill.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.2 Newsletter: Is-Sindku qal li n-newsletter ħarġet u tqassmet fid-djar kollha. Is-Sinjura Doris Borg qalet li kien fiha ħafna *spelling mistakes* u għalhekk għall-ħarġa li jmiss offriet li tagħmel *proof reading* tagħha qabel tiġi printjata u mqassma.

3.3 Knis: Il-Kunsill tkellem fuq il-knis u qal li bħalissa mhux qiegħed ikollna xogħol sodisfacenti għalhekk nagħmlu email bil-miktub u nwissuh sabiex jimxi skond il-kuntratt.

3.4 Kuntratt ta-ġbir ta' skart: Fuq it-tender tal-iskart is-Sindku qal li l-appell ser jinstema' nhar it-Tlieta fl-10.30.am. Il-Kunsill reġa' qal li d-deċiżjoni saret fuq il-bażi ta' l-aktar waħda vantaġġjuża fuq il-punt li jekk ikollna bżonn ta' aktar skips inkunu nistgħu nżidu mingħajr l-ebda ħlas.

3.5 Telephone box: Is-Sindku qal li t-*telephone box* ta' mal-librerija twaħħlet pero' għadha mingħajr linja. Inkellmu lil GO biex jiġu jikkonnettjawha mill-aktar fis.

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Triq iċ-Ċern – Is-Sindku qal li l-Ministru rċieva ittra mhux iffirmata mingħand residenti ta' Triq iċ-Ċern minħabba li qed jitilgħu trakkijiet minkejja li mhux suppost. Il-Kunsill qabel li fuq din il-problema diġà tkellem mat-TM u dawn ikkonfermaw li l-karreġġata ma tistax tiġi l-isfel minħabba li hemm ħajt fil-parti t'isfel li jostakola l-viżwal tas-sewwieqa, għalhekk għandha tibqa' kif inhi. TM qalu wkoll li biex it-triq tiġi aktar safe għandu jkun hemm parkeġġ fuq naħa waħda biss tat-triq. Is-Sindku qal li t-TM staqsew għal kummenti tal-Kunsill u minħabba li diġa' kienu ġew tat-TM drabi oħra fuq din it-triq, hemm bżonn li r-risposta tagħna tkun konsistenti ma' dak li kien diġa' deċiż.

Bħala xi ħaġa vantaġġjuża, il-Kunsill talab għal sistema ta' CCTV li qiegħda toffri l-kumpanija tal-Wardens li tkun immoniterjata.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati b'erba' favur u astenzjoni waħda.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

IX-XGĦAJRA

6.1 Plot Triq Karmelo Ritchie – Il-Kunsill qabel li nitolbu ftit torba għal din il-plot sabiex tiġi livellata u tingħata dehra aħjar. It-torba nippruvaw nitolbuha mingħand il-public works.

6.2 Bus Shelters – Is-Sindku qal li l-*bus shelter* ta' Dawret ix-Xatt qalulna li ser issir pero' l-approvazzjoni għadha ma ġietx imħabbra.
Il-*bus shelter* ta' Triq l-Ispnott m'aċċettawx it-talba tagħna pero' jista' jsir aktar l-isfel iżda fuq in-naħa l-oħra. Sadanittant irridu naraw jekk din l-art hijiex tal-Gvern jew tal-Privat.

6.3 Is-Sinjura Borg qalet li l-problema ta' Dawret ix-Xatt fejn il-kamra tal-bubu għada l-istess. Is-Sindku qal li kellimna lil Perit Edric Micallef tat-TM u ser jiġi jispezzjona din il-problema kif ukoll il-possibbiltà li jsiru rampi fi Sqaq Ras il-Gebel.

6.4 Parkeġġ ta' Triq Ras il-Gebel – Is-Sindku qal li ġew il-periti tal-Public Works u ssuġġerew fuq x'għandu jsir. Huma qalu li din il-biċċa art ser tkun ħela parkeġġ u qalu li aħjar isir grawnd bil-fence madwaru.
Ser issir laqgħa oħra nhar l-Erbgħa li ġej sabiex iġibu l-pjanti magħhom u nkunu nistgħu nitkellmu aħjar.

6.5 Promenade – Ix-xogħol ta' żebgħa tal-promenade issa wasal fl-istadju li jingħata l-finish. Dan ser jibdewh din il-ġimgħa stess.

6.6 Fence madwar il-Proġett tal-iSports Complex u Bandli fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja – Is-Sindku qal li bħalissa qegħdin fl-istadju li perit imqabbad mill-Kunsill ikejjel it-tul tal-Proġett u joħroġ stima ta' kemm għandna bżonn fence. Is-Sindku qal li tkellem mad-Dipartiment sabiex flok ningħataw fondi għaż-żebgħa tar-railing tal-Promenade ningħataw fondi biex inkunu nistgħu nagħmlu dan il-Fencing. It-talba ġiet milqugħa.

6.7 *Sleeping Police* – Is-Sindku qal li s-*sleeping police* ta' Dawret ix-Xatt lejn in-naħa tal-Milord saret u qegħdin nistennew l-approvazzjoni tas-*sleeping police* l-oħra tan-naħa ta' Smart City.

6.8 Is-Sinjura Doris Borg issuġġeriet li jsiru sinjali sofor fi Triq San Gakbu fejn garaxx li qegħdin jipparkjaw quddiemu. Is-Segretarju qal li nistgħu nagħmlu s-sinjali tal-1m fuq kull naħa tal-garaxx.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Is-Sindku qal li ser ikollna attività Kulturali u ser immorru l-Birgu fejn inżuru l-Palazz tal-Inkwizitur u postijiet storiċi oħra fil-Birgu.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Vandaliżmu fil-Bandli – Is-Sindku qal li konna milquta minn vandaliżmu fil-bandli fejn inqalbu xi ġebel. Irnexxilna naqbdu bil-cameras lil min għamel dan l-att vandalu u kellimnihom.

8.2 Is-Sindku qal li l-irwejjah tad-Drenaġġ għadhom jippersistiu minkejja li qiegħda tintefa' kimika sabiex tmewwet ir-riħa. Għalhekk il-Kunsill qabel li tissejjah laqgħa mall-Pubbliku sabiex ikunu avżati b'dak li ser jagħmel il-Kunsill u joħroġ stqarrija fil-gazzetti. Din il-laqgħa ser issir nhar is-Sibt 25 t' Ottubru fid-9am ħdejn tal-Milord f' Dawret ix-Xatt.

8.3 Is-Sindku qal li l-Librerija ser iżżid il-ħin u ser tibda tkun miftuha kull nhar ta' Tnejn u Ħamis bejn l-4.30pm u s-6pm. Dan għaliex inbidlu l-ġranet u l-ħinijiet tal-klassijiet tal-katekiżmu.

Is-Sinjura Borg talbet biex tkun tista' tuża l-hall ta' fejn il-Librerija sabiex torganiżża klassijiet li tgħallem il-Computer. Hija offriet li tirranġa l-computers li hemm ma jaħdmux. Sar qbil fuq din il-proposta imma niċċekjaw meta se jsiru l-lezzjonijiet tal-computers mit-TCTC.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7.30pm
Aġġornament għal-Ħamis, 13 ta' Novembru, 2014 fis-6.00pm

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt